22002D0058

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 58/2002

tal-31 ta' Mejju 2002

li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) mal Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻONA EE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 39/2002 tad-19 ta' April 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/34/KE tat-22 ta' Ġunju 2000 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE li tirigwarda ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol sabiex tkopri s-setturi u l-attivitajiet eskluži minn din id-Direttiva ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 28 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE) fl-Anness XVIII mal-Ftehim:

"kif emendata bi:

– **32000 L 0034**: Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/34/KE tat-22 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 195, ta' l-1.8.2000, p. 41).

Id-disposizzjonijit tad-Direttiva għandhom, għall-għanijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-addattament li ġej:

L-obbligu fil-punt 2.4(a)(i) ta' l-Artikolu 17(2) sabiex jintbagħtu ċerti notifiki, ġustifikazzjonijiet u opinjoniiet tal-Parlament Ewropew, ma għandhomx japplikaw għall-Istati ta' l-*EFTA* jew għall-istituzzjonijiet ta' l-*EFTA*."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttiva 2000/34/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment Żgħaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU L 154, tat-13.6.2002, p. 25.
([2]) ĠU L 195, tat-1.8.2000, p. 41.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Meju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.